MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 364/2014

Appell Nru: 364/2014

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Brian Spiteri

Illum 29 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Spiteri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 148269M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) F'dawn il-gzejjer, fid-29 ta' Awwissu 2004 u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond iddisposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) U aktar talli flistess lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmi reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed jofri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil mara tqila, lill-minuri jew lill-persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi ai termini tal-Artikolu 22(2) sub-inciz II tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, b'mezzi xort'ohra minn dawk specifikitament imsemmijin fil-kodici kriminali, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, specifikatament karozza tat-tip Subaro J10 bin-numru ta' registrazzjoni DAK 148 proprjeta` tal-kumpanija Autorentals Co. Ltd., liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500). U dan kollu bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 talLigijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta wkoll mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u datata 19 ta' Novembru 1999, fejn huwa kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannat ghal

sentenza ta′ sentejn prigunerija, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali, mghotija fid-19 ta′ Settembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta′ Malta, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni (a), tal-aggravju tad-distanza (indikat bhala imputazzjoni (b)) u tal-addebitu tar-recidiva (indikat bhala imputazzjoni (d)) u fil-waqt illi ma sabitux hati tal-imputazzjoni (c) u illiberatu minnha, ikkundannatu ghall-piena ta′ tnax (12)-il xahar prigunerija effettiva u multa ta′ elf Euro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta tista′ tithallas b′rati mensili u konsekuttivi ta′ hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b′din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din iddata.

Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta′ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ordnatx lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x′jaqsmu malhatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u dan stante illi fiz-zmien tar-reat odjern, qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tassena 2005, l-imsemmi Artikolu 533 kien jirrikjedi illi ssir talba ghall-hlas tal-ispejjez mill-Prosekuzzjoni, liema talba ma tirrizultax.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument DT2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta′ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Brian Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2014, fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni u fejn sabithu hati ta' pussess izda limitatament ghall-uzu personali u tirrevokaha fil-bqija u konsegwentament tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Brian Spiteri esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, illi jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiemha.

Illi ghandu jinghad fl-ewwel lok, li, a differenza ta' dak li qalet il-Qorti, ma hemmx in-ness li trid il-ligi bejn is-sustanza misjuba fil-vettrua tal-esponent u d-droga analizzata mill-espert mahtur mill-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud. Kemm l-ufficjal prosekutur kif ukoll l-membri l-ohra tal-Pulizija involuti fil-kaz sostenw li kienu nstabu sitt qratas. Infatti jirrizulta anke mid-domandi maghmula lill-esponent fl-istaqarrija li l-ammont ta' qratas misjuba kienu sitta. Fir-relazzjoni teighu l-imsemmi Spizjar qal li kienu nstabu tmient iqratas ta' qisien, ghalkemm simili, differenti. Ma jista ikun hemm dubju li hawnhekk ic-chain of evidence ma giex ippruvat sal grad tal-konvinciment morali u ghalhekk l-esponent kellu jigi lliberat mic-cirkostanza aggravanti li d-droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu peress li ma hemmx il-prova li s-sustanza fil-vettura tieghu kienet droga eroina.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet hafna enfasi fuq il-fatt illi ghalkemm id-difiza kkummentat li l-esponent kien qieghed fl-akkwati tad-Detox biex jiehu l-methadone, effettivament ma saret ebda prova ta' dan. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad illi sottomissjoni tad-difiza ma tista' qatt tissostitwixxi prova u d-difiza kienet u ghadha ben konxja ta' dan. Tali sottomissjoni saret bl-ebda mod, kif donnha fehmet il-Qorti sabiex taghmel prova.

Illi jinghad bl-akbar rispett li l-evalwazzjoni ta' dan il-kumment tad-difiza jirrazenta lezjoni tad-dritt tas-silenzju in kwantu min jigi mputat ghandu dritt li ma jwegibx ghal domandi li jsirulu. Dak li jirrendi iktar gravi s-sitwazzjoni f'dan il-kaz hu li l-pulizija qatt ma saqsewh din id-domanda meta hadulu l-istqarrija l-ghada ta' lincident. Ghalehkk ma kellha ssir ebda insinwazzjoni dwar fejn kien jinsab l-esponent fil-mument tal-arrest u dan tentut kont tal-fatt li l-pulizija ma gabet ebda prova fir-rigward.

Illi bl-istess kejl jinghad bl-akbar rispett li l-Qorti tal-Magistrati naqset li tezamina l-insinwazzjonijiet li saru mill-pulizija bhal, per ezempju, l-fatt likien giennutat ibiegh droga lil terzi jew il-fatt li flimkien mal-pulizija liebsisn pajzana kien hemm ukoll pulizija liebsin l-uniformi. Kien ikun ukoll ghaqli li wiehed janalizza l-fatt li ma nstabu ebda indikazzjonijiet ta' traffikar fir-residenza tieghu. Finalment l-esponent jissottometti li l-piz totali misjub fit-tmint iqratas ezaminati mill-espert tal-Qorti kien biss ta' 1.204 grammi. Il-Qorti haset li kellha tikkummenta li dan l-ammont mhuwiex wiehed negligibbli. Negligibbli jew le dan l-ammont certament huwa indikattiv ta' uzu personali.

Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment in vista tal-fatt li l-esponent spjega ghaliex kien fil-pussess ta' sitt iqratas (u mhux tmienja), huwa ma kellux jinstab hati tac-cirkostanza aggravanti fis-sens li d-droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tal-elfejn u erbgha (2004) kmieni filghodu l-imputat hareg mid-dar tieghu gewwa l-Hamrun, saq lejn id-Detox u ipparkja l-vettura tieghu hdejn dan ic-centru. F'hin minnhom tfaccaw erba' persuni li kienu pulizija pajzana u sakkru lill-appellant bil-vettura taghhom u nizlu hdejh. Saret tfittxija u fil-pussess volut tieghu nstabu tmint (8) iqratas bl-eroina ammont ta' piz totali ta' 1.204 grammi. L-appellant gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat, fosthom dak ta' pussess aggravat u b'sentenza moghtija fid-dsatax (19) ta' Settembru tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 171) il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati tal-akkuzi intestati A, B, u D, izda illiberatu mill-akkuza intestata C dik ta' hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor u ikkundannatu ghal tnax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell il ghaliex deherlu illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiemha.

Jigifieri rilevat illi l-aggravji kollha msemmija mill-appellant gew ikkunsidrati tajjeb hafna mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza elaborata u dettaljati fejn gew trattati l-punti kollha koncernanti dan il-kaz.

Quddiem din il-Qorti però d-Difiza qajjmet certa sitwazzjonijiet illi ma jidhrux illi ssemmew fir-rikors tal-appell taghha u biex jiggustifika l-prezenza ta' dawk il-qratas fil-karozza tieghu d-Difiza issuggeriet illi filwaqt illi irrikonoxxiet illi l-appellant ghandu problema ta' droga dan beda jqassam id-droga u jehodha ftit ftit. Il-partner tieghu kienet kompletament kontra d-droga u l-appellant kompla jiehu d-droga bil-mohbi u d-dar qatt ma ha xejn. Ghalhekk beda jabbuza d-droga fil-karozza u l-pulizija waqqfuh u sabu dawn il-pakketti fil-pussess tieghu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi "ex admissis" l-appellant kien ilu jabbuza mid-droga mill-1987. Beda diversi programmi illi ma komplihomx u dejjem jerga' jaqa' fl-istess vizzju. Mhuwiex verosimili illi jghid illi d-dar qatt ma ha xejn peress illi fid-dar tieghu nstab kontenitur bi tracci tal-eroina. Dan ifisser kwindi illi l-appellant zgur kien jahzen din id-droga f'din il-kaxxa li kien izomm id-dar u kwindi ukoll dan l-argument tad-Difiza ma jreggix. Id-Difiza ukoll ghamlet kapital fuq il-fatt illi xi provi qalu illi l-pulizija sabu sitt (6) pakketti però l-Ispizjar Mifsud jghid illi sab tmienja (8), kwindi ma hemmx ic-certezza morali illi dak illi ezamina l-ispizjar hu l-istess li l-pulizija elevaw mill-karozza tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Il-Magistrat ghamlet evalwazzjoni korretta tal-provi dwar l-ammont ta' pakketti illi nstabu fil-pussess tal-appellant. Veru illi kien hemm xi pulizija illi qalu li sabu sitta (6), però l-Ispizjar Mifsud jghid illi sab tmienja (8). L-ewwel nett jighad illi l-pulizija qatt ma kienu kategorici fid-dikjarazzjoni taghhom u dejjem ikkwalifikaw l-ammont bil-kelma "xi". It-tieni nett l-Ispizjar Mifsud ta deskrizzjoni tal-"paper trail" tal-oggetti illi huwa ezamina illi jwassal ghall-karozza tal-imputat fil-gurnata inkwistjoni. Ghalhekk din il-Qorti ukoll hija sodisfatta illi d-droga illi ezamina l-Ispizjar Mifsud hija l-istess droga illi giet elevata mill-pussess volut tal-appellant. L-appellant fil-fatt ma jinnegax illi huwa kien fil-pussess ta' din id-droga. Jghid biss, però, illi qasamha f'dawk il-pakketti bhala biex ikunu lesti ghall-uzu personali tieghu u mhux sabiex jittraffikaha. Mela l-Qorti ssaqsi: X'mar jaghmel hdejn id-Detox b'dawk is-sachets kollha fil-karozza?! Kieku kienu ghall-uzu personali tieghu seta' hallihom warajh id-dar.

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant irrefera ghall-argumenti tal-Qorti tal-Magistrati fuq il-kumment illi kienet ghamlet id-Difiza illi l-appellant kien qieghed fl-akwati tad-detox biex jiehu l-metadone u iccensurat il-Qorti tal-Magistrati peress illi b'dawn l-argumenti taghha kisret id-dritt tas-silenzju li jgawdi minnha l-appellant peress illi argumentat illi ma saru l-ebda provi dwar dan.

Ikkunsidrat:

Veru illi l-appellant igawdi mid-dritt tas-silenzju u hadd ma jista' jasal ghal xi inferenza negattiva dwar dan. Però min jallega jrid jipprova. U dan japplika kemm ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-Difiza. Ghall-Prosekuzzjoni l-prova trid tkun minghajr dubbju dettat bir-raguni; ghad-Difiza fuq bazi ta' probabilità. La d-Difiza stess ikkummentat illi l-appellant seta' kien fl-akkwati tad-detox biex jiehu l-metadone, kwindi allura kien jinkombi lilha li tipprova dan il-fatt fuq bazi ta' probabilità. Izda dan ma sarx. Jibqa' l-fatt ghalhekk illi l-appellant instab hdejn id-detox bil-pussess volut ta' tmint (8) iqratas eroina. Kulhadd jaf min ikunu n-nies illi jmorru d-detox u l-appellant bhala "registered drug user" seta' kellu d-dritt illi jkun qieghed hemmhekk ghall-kura ukoll. Però ma kellu l-ebda dritt ikun fil-pussess ta' dawk il-pakketti f'dawk l-inhawi u r-reazzjoni tieghu meta gie avvicinat mill-pulizija hija tipika ta' persuna li nhasdet u irreagixxiet f'sitwazzjoni ta' paniku. Dana jkompli jsahhah l-argument illi l-appellant ma kienx fil-pussess volut ta' dawk il-pakketti ta' droga biex jaghmel uzu personali minnhom.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------